MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 550/2003

**Michael Attard Ltd**

**vs**

**John West u b'digriet tas-7 ta' April 2003, Dr. Anthony Cutajar gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Marzu, 2002, fejn intalab li l-konvenut nomine jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm527.82) rappresentanti import ta' sitt kambjali skaduti, accettati u iffirmati mid-debitur, liema kambjali huma esebieti u immarkati bhala Dokumenti MA1 sa MA6.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-mandat ta’ qbid kawtelatorju numru 415/03CX u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra id-digriet tas-7 ta’ April 2003 mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-atti tal-mandat ta’ qbid numru 415/03 fl-ismijiet Michael Attard Ltd vs John West, li permezz tieghu l-avukat Dr. Anthony Cutajar gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-konvenut assenti fl-atti tal-mandat u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti.

Ra r-risposta tal-kuratur deputat Dr. Anthony Cutajar li permezz taghha huwa eccepixxa li f’dan l-istadju l-esponenti mhux edott mill-fatti tal-kawza u jirriserva li iwiegeb fi stadju ulterjuri wara li s-socjeta attrici tipprovdilu l-indirizz ta’l-assenti sabiex huwa jkun jista’ jikkomunika mieghu.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Rueben Farrugia ghas-socjeta attrici li ikkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut.

Ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Dicembru 2003 fejn il-kuratur deputat Dr. Anthony Cutajar iddikjara illi huwa gie moghti indirizz tal-konvenut assenti gewwa is-South Africa, izda ghalkemm huwa kien kitiblu f’dan l-indirizz baqa’ ma irecviex risposta minn ghandu u ghalhekk ma kienx f’posizzjoni li iressaq il-provi f’din il-kawza.

Ra id-digriet tal-15 ta’ Dicembru 2003, fejn fuq talba tas-socjeta attrici il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-provi migjuba mis-socjeta attrici.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata,  it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ hames mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm527.82), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-mandat ta’ qbid kawtelatorju li igib in-numru 415/03CX ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------